**PRIM`AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 4 ta` Frar 2021**

**Rikors Nru. 10/2021 JZM**

**Fl-atti tal-mandat ta` zgumbrament numru 1661/20 :**

**Bank of Valletta plc (C2833)**

***vs***

**Alfred Zarb (ID 810058M)**

***u***

**Catherine Zarb (ID 714358M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li pprezentaw Alfred u Catherine Zarb fis-7 ta` Jannar 2021 li jaqra :–

*Illi l-esponenti ghadhom kif gew notifikat bil-mandat ta` zgumbrament fl-ismijiet premessi (Dok A).*

*Illi preliminarjament il-mandat odjern huwa fuori termine u ghalhekk null u bla effett ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Illi in effetti dan il-mandat inhareg wara li l-fond in kwistjoni gie liberat favur il-Bank of Valletta wara subbasta. Il-liberazzjoni saret fit-12 ta` Settembru 2019. Il-mandat gie intavolat fil-25 ta` Novembru 2020 u konsegwentement huwa kjarament fuori termine. It-terminu ta` sena kontemplat fl-artikolu 357 tal-Kap. 12 ma giex estiz bl-avvizi legali konnessi mal-pandemija imsemmija fil-mandat ta` zgumbrament. Kull ma ghamlu dawn l-avvizi legali huwa li estendew it-terminu biss f`kaz li t-terminu kien jiskadi f`dak il-perjodu. Pero` mhix interpretazzjoni korretta li tghid li kull terminu ghandu jigi estiz bi tlitt xhur anke f`termini li jiskadu hafna wara. Il-bank kellu sa Settembru 2020 biex jintavola l-mandat odjern. Konsegwentement il-mandat gie intavolat xahrejn tard.*

*Illi, apparti minn hekk u bla pregudizzju, l-esponenti ghadhom fit-terminu biex jezercitaw id-dritt taghhom ta` jus redimendi kif kontemplat fl-artikolu 355 tal-Kap. 12 u dan stante li, mill-verifiki li ghamlet l-esponenti, l-iskrizzjoni tal-liberazzjoni saret biss xahar ilu u fil-fatt fil-granet li gejjin sejrin jezercitaw dan id-dritt.*

*Illi fil-ligi jidher li hemm lakuna peress illi l-artikolu 357 tal-Kap. 12 li a bazi tieghu nhareg il-mandat odjern ma jikkontemplax il-possibilita` ta` rkupru. Pero` jekk l-esponenti jigu zgumbrati u mbaghad wara jezercitaw dan id-dritt ser jinkorru spejjez kbar u inutli biex jittraslokaw bl-affarijiet taghhom kollha u wara jergghu jirritornaw lura f`darhom.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jghogobha, bl-applikazzjoni tal-artikolu 281 tal-Kap. 12, tordna t-thassir tal-mandat ta` zgumbrament fl-ismijiet premessi jew tordna illi tali mandat ma jigix ezegwit sakemm jiskadi t-terminu ta` jus redimendi kontemplat fl-artikolu 355 tal-Kap. 12, u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat l-atti tal-mandat nru 1661/2020 MB li kienu prezentati mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta` Jannar 2021.

Rat ir-risposta li pprezenta l-bank intimat fl-14 ta` Jannar 2021 li taqra hekk :-

*(1) Illi, l-ewwelnett u qabel kollox, kuntrarjament ghal dak li jibda bih ir-rikors, il-mandat ta` zgumbrament m`huwa fl-ebda mod fuori termine u gie pprezentat fit-termini legali vigenti fid-data tal-prezentata tieghu. Jirrizulta illi l-lberazzjoni tal-fond saret in forza ta` subbasta bin-numru 705/2011, mizmuma fit-12 ta` Settemrbu 2019.*

*Gara illi, bl-avvizi legali 61 u 65 tas-sena 2020, mahruga taht il-kapitolu 465 tal-ligijijet ta` Malta, gie stipulat hekk :*

*"Is-Supritendent b`dan tordna l-gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja u tar-registru b`effett mis-16 ta` Marzu 2020 liema ordni ghandha tibqa` fis-sehh sakernm tigi revokata mis-Supritendent." (Arrviz legali 65)"*

*Imbaghad, l-avviz legali 61 tal-2020 ighid :*

*"3(1) Meta s-Supritendent tordna l-gheluq tal-qrati kollha jew ta` kwalunkwe qorti ghall-fini ta` harsien contra, u jew ta` kontroll ta` epidemiji perikoluzi jew mard infettiz, tali ordni ghandha tissospendi z-zmien ta` kwalunkwe hinijiet legali u gudizzjarju u ta`kwalunkwe limitu ta` zmien iehor inkluz zminijiet perentorji applikabbli ghall-procedimenti jew proceduri ohra quddiem l-imsemmija qrati. Is-sospensjoni ghandha ddum sa sebat (7) ijiem wara it-tnehhija tar-revoko ta` kwalunkwe ordni mis-Supritendent. **Minghajr pregudizzju ghall-generalita` ta` hawn fuq**, din is-sospensjoni ghandha tfisser li jekk l-ahhar jum ta` kwalunkwe hin legali jew gudizzjajru jew limitu ta` zmien iehor jiskadi matul iz-zmien meta ordni provduta f`dan ir-regolament tkun fis-sehh, iz-zmien ghall-prezentata ghandu jigi sospiz sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni ghall-gheluq ta` kwlalunkwe qorti permezz ta` avviz fil-Gazzetta." (enfasi mizjuda)*

*Illi, u bir-rispett kollu dovut, huwa car u manifest illi l-artikolu 3(1) tal-avviz legali 61 tal-2020 qieghed jikkonternpla zewg sitwazzjonijiet differenti u cioe` :*

*1. Is-sitwazzjoni fejn terminu legali jkun beda qabel il-perjodu ta` sospensjoni u kellu jispicca wara l-perjodu illi sospensjoni tkun giet imhassra mentri*

*2. It-tielet sentenza qed tikkontempla sitwazzjoni li fih it-terminu legali jibda` qabel is-sospensjoni u jkun jiskadi f`xi zmien meta l-qrati jkunu maghluqin b`dik is-sospensjoni.*

*Huwa car u manifest illi dan it-tieni kaz m`huwiex il-kaz odjern, stante illi t-terminu legali kien jibda fit-12 ta` Settembru 2019 u allura kien jispicca fit-11 ta` Settembru 2020, li kieku t-terminu ta` sena ma giex sospiz bl-imsemmi avviz legali bejn il-perjodu tas-16 ta` Marzu 2020 sat-12 ta` Gunju 2020.*

*Issa, mill-qari semplici tal-artikolu 3(1) tal-avviz legali 61 tal-2020, huwa car u manifest illi, fis-sitwazzjoni generali, bhal fil-kaz prezenti, tapplika r-regola generali tas-sospensjoni u cioe`, perjodu illi jkun sospiz it-terminu - f`dan il-kaz perjodu jieqaf jimxi u jerga` jibda jimxi meta tieqaf is-sospensjoni legali.*

*Illi, is-sottomissjoni tar-rikorrenti fis-sens illi s-sospensjoni kienet tapplika biss f`kaz li t-terminu kien jiskadi fil-perjodu li t-termini jkunu sospizi m`hijiex guridikament korretta u dan mill-qari semplici tat-tielet sentenza tal-artikolu 3(1) li tghid car u tond :*

*"Minghajr pregudizzju ghall-generalita` ta` hawm fuq, din is-sospensjoni ghandha tfisser li jekk l-ahhar jum ta` kwalunkwe hin legali jew gudizzjarju jew limitu ta` zmien iehor jiskadi matul iz-zmien meta ordni provduta f` dan ir-regolament tkun fis-sehh, iz-zmien ghall-prezentata ghandu jigi sospiz sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni ghall-gheluq. . ."*

*Ergo, dak li qeghdin jipprospettaw ir-rikorrenti huwa biss l-eccezzjoni impostata b`mod subordinat fl-artikolu 3(1) fl-avvviz legali numru 61 tal-2020. Il-principju generali tas-sospensjoni jibqa` japplika u ghalhekk, din it-tielet sentenza tal-artikolu 3(1) tibda bil-premessa " … Minghajr pregudizzju ghall-generalita` ta` hawn fuq", illi jfisser illi l-generalita` ta` hawn fuq, u cioe` s-sospensjoni ta` kull terminu legali ghandha tipprevali, sakemm ma jkollokx xi sitwazzjoni prevista fis-subinciz tat-tielet sentenza u cioe` illi t-terminu jkun jiskadi fi zmien meta l-qrati jkunu maghluqa - li mhux il-kaz odjern.*

*F`dan il-kaz, ma kinitx din is-sitwazzjoni, u allura japplika l-principju generali tas-sospensjoni. Is-sospensjoni tfisser illi kif inhuwa risaput illi t-terminu ma jibqax jimxi. Mela t-terminu li beda fit-terminu tat-12 ta` Settembru 2019 ma baqax jghaddi mis-16 ta` Marzu 2020 u rega` beda jghaddi, skont l-avviz legali, 230 tal-2020, mit-12 ta` Gunju 2020, u cioe`, sebat ijiem wara l-5 ta` Gunju 2020.*

*Jekk wiehed jghodd il-perjodu li ddekorra bejn it-12 ta` Settembru 2019 sas-16 ta` Marzu 2020, u jzid mieghu l-perjodu bejn it-12 ta` Gunju 2020 sal-25 ta`Novembru 2020, il-jum li fih gie pprezentat l-mandat ta` zgumbrament de quo, it-terminu ta` sena ma ghaddiex, u ghalhekk l-ewwel sottomissjoni tar-rikorrenti hija kompletament fallaci. Huwa risaput illi l-principju tal-ermenewtika huwa illi klawsola fil-ligi ghandha titqies li nkitbet biex ikollha effett u mhux li tkun bla ebda effett. Dan il-principju huwa anki rispekkjat ukoll fl-artikolu 1004 tal-Kodici Civili. (Ut res magis valeat quam pereat) Dan allura jfisser li meta l-legislatur specifika precizament li s-sitwazzjoni kontemplata fit-tielet paragrafu tal-artikolu 3(1) tal-Avviz legali 61/2020 ghandha tkun "Minghajr pregudizzju ghall-generalita` ta` hawn fuq" il-legislatur ried li l-interpretazzjoni generali tipprevalixxi fuq dik tal-eccezzjoni mitfuha fl-ahhar tat-tielet sentenza li tikkontempla biss is-sitazzjoni meta t-terminu legali originali jkun jiskadi f`perijodri meta s-sospensjoni tkun fis-sehh.*

*Ghalhekk fl-umili sottomissjoni tal-esponenti l-Mandat gie pprezentat fit-terminu legali ta` sena stipulat fl-artikolu 357 kap. 12 tal-ligijiet ta` Malta.*

*(2) Illi similment infondata hija t-tieni sottomissjoni tar-rikorrenti - dik rigward l-ezercizzju tal- "jus redimendi". Illi ghandu jinghad qabel xejn li kuntrarjament ghal dak imsemrni fir-raba` paragrafu tar-rikors, l-iskrizzjoni tal-liberazzjoni fir-registru pubbliku ghadha sal-lum ma sehhitx u ghalhekk mhu minnu xejn li saret xahar ilu. Detto questo skont l-Artikolu 355 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet, il-jedd tal-fidwa ta` hwejjeg immobbli jista` jigi ezercitat fi zmien erba` xhur mid-data tal-iskrizzjoni tal-att tal-liberazzjoni fir-Registru Pubbliku. Issa huwa risaput illi sakemm tigi kompletata l-procedura tal-kompensazzjoni o meno, u/jew depozitu gudizzjarju tal-prezz offert, hafna drabi jghaddu aktar mill-perjodu ta` sena u mhux l-ewwel darba li l-liberazzjonijiet jigu registrati fir-Registru Pubbliku hafna aktar minn sena wzara id-data tal-istess liberazzjoni. Il-Legislatur invece ried illi jaghti ir-rimedju tal-Mandat ta` Zgumbrament li jigi ezercitat fi zmien sena ai termini tal-Artikolu 357 u cioe` anke qabel ma` dik il-liberazzjoni tigi registrata fir-registru pubbliku. Dan isahhah l-argument tal-esponenti illi l-procedura tal-ius redimendi u l-procedura tal-kompensazzjoni ma jimxux flimkien mal-*

*procedura tal-izgumbrament bil-liberazzjoni. Kif gja` msemmi, jekk it-talba ghall-kompensazzjoni tigi michuda, isir id-depozitu ta` kontanti tal-prezz offert; jekk is-socjeta` subbastata trid tezercita l-ius redimendi, ma hemm assolutament l-ebda xkiel li hija tezercita dan fi zmien erba` xhur mid-data li tigi insinwata l-liberazzjoni anke jekk tilhaq tigi zgumbrata - wara kollox anke d-definizjoni semplici ta` "irkupru" tfisser dan ghaliex tirkupra dak li ittiehed minnek u mhux dak li ghadu ghandek*

*Illi din, bir-rispett kollu, hija l-interpetazzjoni korretta tal-ligi a bazi tal-principju illi meta wiehed jinterpreta l-ligi, irid jinterpretaha fl-assjem taghha - incivile est jiducare vel interpretare nisi tota lege prespecta. Meta wiehed jiehu in kunsiderazzjoni l-provvedimenti tal-ius redimendi, dawk tal-kompensazzjoni u dawk tal-izgumbrament wara l-liberazzjoni bhala titolu ezekuttiv flimkien, johrog, fl-umli sottomissjoni tal-esponenti, illi jista` jsehh l-izgumbrament effettiv favur ix-xerrej anke qabel (i) id-data tal-approvazzjoni tal-kompensazzjoni, (ii) id-data tal-konsegwenti registrazzjoni fir-registru pubbliku u okkorendo, (iii) id-data li fiha jigi ezercitat il-ius redimendi. Altrimenti, bit-tezi tar- rikorrenti, kieku s-socjeta` esponenti toqghod tistenna r-rikors ta` kompensazzjoni taghha biex jigi dekretat bil-proceduri tal-lum, jista` facilment jigri illi jghaddi l-perjodu ta` sena qabel ma l-liberazzjoni tigi registrata fir-registru pubbliku, u allura, ir-rimedju moghti mil-ligi fl-Artikolu 357 tal-Kap. 72 tal-Ligijiet, jigi stultifikat. Invece l-esponenti umilment tissottometti illi huwa principju generali tad-dritt illi meta l-Legislatur jipprovdi rimedju, il-prezunzjoni legali huwa li r-rimedju jrid ikun wiehed effettiv - kif gia imsemmi ut res magis valeat quam pereat. (aggravju identiku kien gie michud minn din l-Onorabbli Qorti - diversament presjeduta - fl-atti tal-Mandat ta` zgumbrament numru 1507 /2016 MCH fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Mexico Garage Rent-A-Car Co. Ltd" fejn din l-Onorabbli Qorti irriteniet illi :*

*"Il-Mandat ta` Zgumbrament ma jnaqqas xejn mid-dritt tal jus redimendi favur id-debitu”*

*Ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponenti umilment tissottometti li r-rikors odjern ghandu jigi michud u li konsegwentement il-Mandat ta` Zgurnbrament ghandu jigi ezegwit.*

Semghet sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2021.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

## II. **L-Art 281 tal-Kap 12**

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu t-thassir u revoka tal-Mandat abbazi tal-Art 281 tal-Kap 12.

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*(1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista` taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista` tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f`parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi.*

*(2) Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li, fi zmien ghaxart ijiem, ghandha tipprezenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista` tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista` tipprezenta :*

*Izda l-qorti tista`, f`kazijiet urgenti, tirriduci l-perjodu msemmi f`dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta` din l-oppozizzjoni, il-qorti ghandha tilqa` t-talba.*

*(3) Il-qorti ghandha tiddeciedi dwar ir-rikors wara s-smigh tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk tahseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta` xahar mill-jum tal-prezentata.*

*(4) Appell minn digriet moghti taht is-subartikolu (3) jista` jsir b`rikors fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuh. Il-Qorti tal-Appell ghandha tappunta dan l-appell ghas-smigh fi zmien xahar minn meta d-digriet jinqara` fil-qorti bil-miftuh u dan ghandu jigi deciz fi zmien tliet xhur mid-data tal-appuntament ghas-smigh.*

*(5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinhtiegx fil-kazijiet imsemmija fis-subartikolu ta` qabel dan.*

## III. **Gurisprudenza**

Fil-provvediment taghha tal-20 ta` Gunju 2012 fl-atti tar-rikors ta` **Rose Marie Holland** wara l-**Mandati ta` Qbid (Ezekuttivi)** numri 1817/11 MB u 1818/11 MB fl-ismijiet : **"Victor Fenech et vs Anthony Fountain et",** din il-qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

*" … r-rimedju moghti bl-imsemmi artikolu 281 huwa wiehed specjali (kemm fir-rigward tal-procedura mfassla u kif ukoll ghas-sura ta` rimedju moghti) mahsub li jgib it-thassir tal-att ezekuttiv, kemm ghal kollox jew inkella f`bicca minnu, u dan "ghal raguni valida skond il-ligi". Ghalkemm ma tinghata l-ebda tifsira fil-ligi dwar x`tista` tkun "raguni valida" li twassal ghall-ghoti tar-rimedju mitlub, huwa meqjus li, ghall-finijiet tal-artikolu 281, l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma` xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti interessata tista` ggarrab pregudizzju, u dan billi jsir ezami formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-Qorti tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat ikunu tharsu u jkunu jidhru mill-att ezekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inhareg b`mod abbuziv (ara : P.A. GV : 19.11.2008 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet "Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et") ;*

*Illi huwa accettat li l-fatt li l-hwejjeg maqbuda fl-ezekuzzjoni ta` Mandat ma jaghmlux mill-gid tad-debitur ezekutat ma ghandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu, izda jekk stess ihalli effett fuq l-ezekuzzjoni (ara : P.A. AJM : 14.11.1994 fil-kawza fl-ismijiet "Josephine Spiteri vs Anthony Perry et"). Min ghandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-ezekuzzjoni, m`ghandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-Mandat li bis-sahha tieghu saret tali ezekuzzjoni, sakemm ma tohrogx xi wahda mir-ragunijiet li trid il-ligi (ara : P.A. GCD : 28.5.1999 fil-kawza fl-ismijiet "Gianfranco Tolio vs Danuta Komarzynic"). Min-naha l-ohra, t-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta` Mandat ma ssirx taht l-artikolu 281 (ara : App. Civ. : 5.2.2002 fil-kawza fl-ismijiet "Persiano et vs Persiano" (Kollez. Vol : LXXXVI.ii.257) ;*

*Illi l-prattika stabbilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta` Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum il-gurnata, din il-procedura hija azzjoni li tinbeda b`Rikors Mahluf (ara : P.A. : AJM 5.3.2001 fil-kawza "Terranet Limited vs Linknet Limited et")*

*…*

*Illi jaghti `l wiehed x`jargumenta bis-shih jekk l-ezekuzzjoni ta` Mandat ghandhiex titqies bhala parti essenzjali mill-istess Mandat. U dan jista` wkoll jitqies fid-dawl tar-rimedju moghti fi kliem l-artikolu 281 lil "xi persuna ohra interessata". Fl-istess waqt, il-Qorti taghraf ukoll li l-fehmiet tal-qrati taghna dwar jekk l-artikolu 281 jistax iservi biex wiehed jattakka l-ezekuzzjoni ta` Mandat ezekuttiv m`hux dejjem jaqblu (ara : P.A. GC : 12.2.2010 fil-kawza fl-ismijiet "Car Care Products Ltd vs John Bugeja et" (li ma accettatx li l-art 281 jista` jintuza biex wiehed jattakka l-ezekuzzjoni tal-Mandat) u P.A. AE : 2.8.2011 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet "Alan Bartoli noe vs A Gatt Trading Ltd et" (fejn l-art 281 thalla jintuza biex jattakka ezekuzzjoni*

*ta` Mandat ta` Qbid fuq hwejjeg li ma kinux tad-debitur ezekutat) Madankollu, l-fehma ta` din il-Qorti hi li l-procedura tal-artikolu 281 ma tistax tghin biex persuna tattakka l-ezekuzzjoni u mhux is-siwi tal-mandat innifsu. Din il-fehma, minbarra dak li ssemma qabel, tohrog ukoll mill-fatt li r-rimedju moghti mil-ligi ghal min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta` att ezekuttiv (Art 276 tal-Kap 12) jigifieri bi procedura kontenzjuza "normali", kien jezisti sa minn qabel ma ddahhal fil-Kodici r-rimedju specjali li llum jinstab fl-artikolu 281 (qabel kien imsejjah l-art. 283A). Ma jidhirx li meta l-legislatur (fl-2006) wessa` l-applikazzjoni tal-artikolu 281 tal-Kap 12 favur "xi persuna ohra interessata" wessa` wkoll ir-ragunijiet li dwarhom dak ir-rimedju sata` jintalab qabel dak iz-zmien. Wiehed ma jridx jinsa li r-rimedju moghti taht l-artikolu 281 tal-Kodici tal-Procedura m`huwiex ir-rimedju wahdien li jista` jinghata "taht din il-ligi jew xi ligi ohra" (ara : App. Inf. <u>9.1.2008</u>* **:** *fil-kawza fl-ismijiet "<u>Awtorita` Marittima ta` Malta vs Polidano Brothers Ltd</u>") ;*

*Illi ladarba r-rikorrenti dehrilha li kellha tmexxi b`semplici rikors u mhux b`Rikors Mahluf, johrog li r-rikors imressaq minnha ma jiswiex ghall-finijiet tal-artikolu 789(1)(c) tal-imsemmi Kapitolu 12 u sa dan ir-rigward, l-eccezzjoni procedurali tal-intimat ezekutant tirrizulta misthoqqa. Dan, naturalment, jinghad bla ebda hsara ghal kull rimedju iehor li l-istess rikorrenti tista` tinqeda bih biex tikseb dak li talbet f`din il-procedura … "*

**Ghall-fini tal-provvediment tal-lum, il-qorti jidhrilha li jkun utli li jinghad illi l-<u>iskop</u> wara l-prodediment skont l-Art 281 tal-Kap 12 <u>baqa` l-istess</u> kif kien meta d-disposizzjoni vigenti kienet l-Art 283A qabel dan l-artikolu kien sostwit bl-Art 281.**

Fil-provvediment taghha tal-5 ta` Mejju 2005 fl-atti tar-rikors Nru 287/2005 wara **l-Mandat ta` Sekwestru** Nru 392/05 fl-ismijiet **"<u>Edward Pavia vs Michael Sultana et</u>",** l-istess qorti li ppronunzjat il-provvediment li ghalih ghadha kif saret referenza qalet hekk dwar **<u>l-iskop</u>** tal-Art 283A :-

*" … Illi l-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum jinkwadra ruhu u huwa espressament imsejjes mir-rikorrenti fuq dak li jipprovdi l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma` xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta` kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahjha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg (ara*

*: "<u>Briffa vs Stones Properties Ltd noe</u>" : Appell : 1.12.2000 : Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401 ; "<u>K.T.I. vs Serge</u>" : 25.5.2001 : Appell : Kollez. Vol: LXXXV.ii.414) Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra ;*

*Illi l-ligi ma tghidx x`tista` tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista` jinghad li mandat jista` biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f`liema cirkostanzi jista` jintalab il-hrug ta` Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b`reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta` l-kawza prezenti m`huwiex Mandat kawtelatorju ;*

*Illi, fil-qofol tal-kwestjoni, jirrizulta li bejn il-partijiet ghad hemm kontestazzjoni dwar jekk it-titolu ezekuttiv li bis-sahha tieghu nhareg il-Mandat impunjat ghadux fis-sehh. Fil-fehma ta` din il-Qorti, ghalhekk, sakemm ikun hemm provvediment gudizzjarju dwar dan, jew sakemm ma jirrizultax minn dokument jew fatt maqbul bejn il-partijiet li jipprova t-twettiq jew l-estinzjoni tat-titolu, tali titolu ezekuttiv ikollu jitqies li ghadu fis-sehh ;*

*Illi l-Mandat – li huwa att ezekuttiv – inhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv ghadu fis-sehh. Mad-daqqa t`ghajn, jidher li l-Mandat ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu (Art 274 tal-Kap 12) u certament inhareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati ;*

*Illi ghalhekk lill-Qorti ma jirrizultalhiex li hemm raguni tajba biex l-istess Mandat jigi attakkat."*

[ara wkoll il-provvediment ta` din il-qorti diversament presjeduta tat-30 ta` Ottubru 2003 dwar rikors nru 958/2003 fl-atti tar-rikors ta` **Mandat ta` Qbid Ezekuttiv** nru 1496/03 fl-ismijiet : **"<u>Emanuel Vella vs Lloyd`s Malta Limited et</u>"**]

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Din il-qorti tikkondividi din il-gurisprudenza u tghid li tghodd anke ghall-kaz odjern.

Ir-rimedju li jaghti l-Art 281 tal-Kap 12 huwa specjali. L-istharrig li l-qorti trid taghmel mhuwiex fil-mertu, kif ghamlu r-rikorrenti fl-impostazzjoni

taghhom. Li trid tara l-qorti huwa jekk ir-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat ikunux gew osservati jew jekk il-Mandat jkunx inhareg b`mod abbuziv.  Mandat jista` biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.

Fil-kaz tal-lum, il-qorti hija tal-fehma li fil-hrug tal-Mandat ma kien hemm xejn irregolari jew abbusiv.

Dwar l-ewwel pretensjoni li ressqu r-rikorrenti, il-qorti rat l-avvizi legali citati miz-zewg nahat, u qieset id-disposizzjonijiet li kienu citati.  Tghid li l-ligi titkellem dwar *sospensjoni* mhux dwar *interruzzjoni* tat-termini, zewg dettami tad-dritt ghal kollox distinti minn xulxin.  Bil-kontegg taz-zmien li ghamlu r-rikorrenti, huwa car li f`mohhom kellhom l-*interruzzjoni* tat-termini.  Mentri l-esposizzjoni korretta tad-dritt hija dik li ressaq il-bank intimat.  Ladarba si trattava di *sospensjoni,* kif del resto qalet il-ligi stess, il-procedura ntavolata mill-bank intimat kienet legalment ineccepibbli.

**Ghalhekk l-ewwel pretensjoni tar-rikorrenti hija respinta.**

Ghar-rigward tat-tieni pretensjoni esposta mir-rikorrenti, il-qorti hija tal-fehma li din il-pretensjoni tikkozza mal-iskop li ghalih huwa ntiz l-Art 281.  Ibda biex, imma dan huwa mertu, ma hemm ebda *lacuna* fid-disposizzjoni tal-ligi citata mir-rikorrenti biex isostnu din il-pretensjoni.  It-termini tal-*jus redimendi* huma cari fid-disposizzjoni in kwistjoni.  Anke ghar-rigward ta` din il-pretensjoni, l-istat korrett tad-dritt huwa dak espost mill-bank intimat.  Altrimenti bejgh b`subbasta jitlef mhux biss is-sahha legali izda anke l-iskop tieghu.

Dan premess, il-qorti tirrileva li jekk ir-rikorrenti deherilhom li kellhom fuqhiex jattakkaw il-liberazzjoni tal-fond de quo favur il-bank intimat, din tal-lum ma kellhiex tkun il-procedura li kellhom jittentaw.

Accertat illi kienu osservati r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat, li jfisser li l-Mandat huwa regolari, ir-rikorrenti m`ghandhomx il-jedd li sabiex jattakkaw l-esekuzzjoni tal-Mandat jipprovaw ighidu li l-Mandat ma jiswiex.

**Anke t-tieni pretensjoni tar-rikorrenti hija michuda.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**